**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Andrea Stellato**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum it-Tlieta 19 ta' Frar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Andrea Stellato** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 102865 (M) billi huwa akkuzat nhar il-21 ta' Lulju 2016 u fil-jiem u/jew xhur u/jew snin ta' qabel din id-data , gewwa l-Qrati ta' Malta u f'dawn il-Gzejjer talli:

1. Halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem Ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament u dan bi ksur tal-Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet  mitluba li tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali.

Rat d-dokumenti esebiti;

Rat ir-rapport li thejja mill-Avukat Richard Sladden li nhatar minn din il-Qorti bhala Perit Legali u Tekniku fejn ix-xhieda hi kollha traskritta u d-dokumenti migbura;

Il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, Parte Civile u Difiza biex jipprezentaw sottomissjonijiet bil-kitba dwar ir-rapport imhejji mill-Perit Legali.

Il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-atti processwsali;

Il-Qorti rat sottomissjonijiet bil-kitba da parte ta' Dr. Joe Brincat ghall-parte civile;

Il-Qorti fliet b'attenzjoni n-nota ta' sottomissjonijiet bil-kitba li prezenta Dottor Joe Brincat fit-28 ta' Dicembru 2018 b'mod partikolari meta jirreferi "**ghat-tieni akkuza**" u dan anke ghall-aspett storiku tal-introduzzjoni tal-artikoli 188 fil-Kodici Kriminali.

Il-Qorti fliet l-atti kollha tal-kawza inkluz il-verbali kollha.  L-avukat Brincat jghid li "**imma jekk wiehed jara l-atti fuq talba tal-prosekuzzjoni kien hemm zieda ta' akkuza ohra that l-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali**".

Fir-rapport tal-Perit Legali tal-4 ta' Dicembru 2018 fil-verbal tat-23 ta' Frar 2017 hemm imnizzel li "***L-Ispettur Borg jiddikjara li ser issir talba quddiem il-Qorti biex tizdied akkuza fil-konfront ta' Andrea Stellato ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

*Wara li tali talba tigi deciza mill-Qorti, ser tigi iffissata seduta ohra."*

Fil-fatt il-Perit Legali fil-konkluzzjoni tieghu jghid li huwa **"tal-umli fehma li Andreas Stellato ma jistax jinstab hati tal-<u>imputazzjoni relattiva</u>"** . Qieghed jirreferi ghal imputazzjoni wahda.

Fl-atti l-Qorti sabet li effettivament zdiedet din l-akkuza wara rikors ippreżentat fit-22 ta' Marzu 2017 mill-Prosekuzzjoni, li l-Qorti akkordat, liema zieda ta' imputazzjoni ma kienetx komunikata lill-Perit Legali.

Invista ta' dan il-Qorti estendiet l-inkarigu tal-Perit Legali biex mix-xhieda u d-dokumenti li gabar jirrelata dwar it-tieni imputazzjoni mizjuda.

Il-Qorti rat ir-rapport addizjonali tal-Perit Legali Dottor Richard Sladden mahluf fid-19 ta' Frar 2019.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijeti per se addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet generali u ohrajn ta' dritt.

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza din l-eewel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza

tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Oneru tal-Prosekuzzjoni</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Xjentement (*Knowingly*)**

Fir-rapport dwar il-kaz **Taylor's Central Garages (Exeter) Limited v Roper**[2] Devlin J jaghti numru ta' osservazzjonijiet dwar it-tifsira tal-kelma xjentament "*knowingly*" u kif tkun stabbilita x-xjenza f'kaz kriminali:

> "*It seems to me to be very important in cases of this sort that lay justices, who are not necessarily very skilled in the handling of evidence and in the drawing of distinctions which the law requires to be drawn, should have explained to them by the prosecution, where the burden is on the prosecution, exactly what sort of knowledge the prosecution desires to be found. There are, I think,*

[2] Local Government Review Reports volume 115, page 445

*three degrees of knowledge which it may be relevant to consider in cases of this sort. The first is actual knowledge, and that the justices may infer from the nature of the act that was done, for no man can prove the state of another man's mind, and they may find it, of course, even if the defendant gives evidence to the contrary. They may say: 'We do not believe him. We think that was his state of mind.' They may feel that the evidence falls short of that, and, if they do, they have then to consider what might be described as knowledge of the second degree. They have then to consider whether what the defendant was doing was, as it has been called, shutting his eyes to an obvious means of knowledge. Various expressions have been used to describe that state of mind. I do not think it is necessary to describe it further, certainly not in cases of this type, than by the phrase that was used by Lord Hewart CJ, in a case under this section, Evans v Dell (1). What the Lord Chief Justice said was: 'The respondent deliberately refrained from making inquiries, the results of which he might not care to have.'*

*"The third sort of knowledge is what is generally known in law as constructive knowledge. It is what is encompassed by the words 'ought to have known' in the phrase 'knew or ought to have known.' It does not mean actual knowledge at all, it means that the defendant had in effect the means of knowledge. When, therefore, the case of the prosecution is that the defendant failed to make what they think were reasonable inquiries it is, I think, incumbent on the prosecutor to make it quite plain what they are alleging. There is a vast distinction between a state of mind which consists of deliberately refraining from making inquiries, the result of which*

*the person does not care to have, and a state of mind which is merely neglecting to make such inquiries as a reasonable and prudent person would make. If that distinction is kept well in mind, I think justices will have less difficulty in determining what is the true position. The case of shutting the eyes is actual knowledge in the eyes of the law; the case of merely neglecting to make inquiries is not actual knowledge at all, but comes within the legal conception of constructive knowledge, which is not a conception which, generally speaking, has any place in the criminal law."*[3]

Il-*Crown Prosecution Service* (CPS) jaghti din l-ispjega ta' "knowledge":

*Implied knowledge for the summary offences includes actual subjective knowledge proven by evidence but it may also include wilful blindness. It is always open to a tribunal of fact to base a finding of knowledge on evidence that the defendant had deliberately shut his eyes to the obvious or refrained from inquiry because he suspected the truth but did not want to have his suspicion confirmed* ***Westminster City Council v Croyalgrange Ltd*** *83 Cr. App. R.155.*

*In* ***Flintshire CC v Reynolds*** *[2006] EWCH 195 (Admin) it was alleged that Mrs Reynolds had knowingly produced information she knew to be false in a material particular for the purpose of obtaining a benefit or other payment or advantage. Mrs Reynolds evidence was that she signed the form completed by her husband without*

[3] Ibid. pg 449

*reading it. It was held that constructive knowledge is not enough to demonstrate that something has been done knowingly in the context of a criminal statute (in this instance section 112 SSAA 1992).*

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fl-Ingilterra fl-ismijiet ***Regina vs Hilda Gondwe Da Silva*** il-kelma suspett inghatat is-segwenti tifsira:

***"The word suspect means that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice."***

Il-kelma '*xjentement*' fl-akkuza odjerna hawnhekk tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. **Manzini** fil-fatt jaghti spjegazzjoni taz-zewg tipi ta' *mens rea* f'dan id-dolo. Huwa jsostni li:

"*il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto*",

Filwaqt li:

"*dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno.*"

Ir-reat in ezami jirrikjedi l-element intenzjonali. Il-Ligi tirrikjedi li l-agent ikun **xjentement** ghamel dikjarazzjoni falza. Kif qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta:

> *Il-kelma 'xjentement' .... tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. Manzini fil-fatt jaghti spjegazzjoni taz-zewg tipi ta' mens rea f'dan id-dolo. Huwa jsostni li: "il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto", filwaqt li: "dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno.*[4]

Huwa principju fundamentali fil-ligi Kriminali u ben ribadit fil-gurisprudenza taghna li sabiex wiehed jinstab hati ta' reat, mhux bizzejjed illi jigi ppruvat l-element materjali izda huwa necessarju li jigi ppruvat l-element formali*: Actus Non Facit Reum Nisi Mens Sit Rea.* Fis-sentenza ***il-Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), il-Qorti tal-Appell qalet li:

> *huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali.*[5]

---

[4] Il-Pulzija vs Raimondo Farugia deciza 20.09.2015.
[5] Deciza nhar il-31.05.2001.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**<u>Ġurament falz</u>**

Artikolu 108 tal-Kap 9 li l-imputat jinsab mixli bih jghid:

> *108. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef,maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -*
>
> *(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;*
>
> *(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.*
>
> *(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti Promissorji.*

It-test Ingliż jgħid hekk: *'shall make a false oath.'*

Fin-noti tiegħu l-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk:

L-elementi tar-reat li llum jidher fl-artikolu 108(1) (b) tal-Kap 9 huma:

*'(i) a false statement;*
*(ii) wilfully made*
*(iii) On oath*
*(iv) Before a person authorised by law to administer oaths.*

*With regard to the second element which constitues the intentional element of the crime it is necessary that the person making the statement should have the full consciousness of perverting the truth.*

*The material element of the crime is the false statement <u>on oath.</u> (Underlining tal-Professur Mamo). The oath,being an appeal to Deity to be witness of that which is asserted creates a religious bond which is effectual only for those, who having a religious persuasion, see in it a binding obligtion on their conscience. Our law makes provision for the taking of an oath by persons who do not belong to the Roman Catholic Church. The solemn declaration or affirmation of any person authorised by law to make a declaration or affirmation in lieu of taking an oath has the same effects as regards the punishment as if the person making the declaration or affirmation had been lawfully sworn.*

*The oath must be <u>lawfully</u> (underlining tal-Professur Mamo) administered, that is in the form and with the ceremonies which the*

*law itself prescribes and by a person who is authorised by law to administer oaths. '*

**<u>L-ghoti tal-gurament</u>**

Mela wiehed mill-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 108(1)(b), u cioe` li persuna tkun halfet il-falz "quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament", huwa nieqes, ghax ma ngabet l-ebda prova li Dottor Malcolm Mifsud ghandu dik is-setgha. Anke kieku kellu jigi accettat li l-avukat li dak iz-zmien kien inkarigat mill-Ghajnuna Legali kellu tali setgha ma ngabitx prova li mal-imputat kienet rispettata l-forma tal-gurament.

Din il-kwistjoni giet deciza mil-Qorti fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. John Cutajar** u **Il-Pulizija v. Donovan John Scerri**, it-tnejn decizi fis-17 ta' Ottubru 2011 u ghalihom din il-Qorti taghmel pjena referenza, filwaqt li ticcita s-segwenti bran:

> "Għalhekk il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-ġurament imur 'il hemm minn sempliċi formola ta' kliem li fiha 'Jien naħlef' u/jew firma fuq karta. Teżisti l-**amministrazzjoni** tal-ġurament li mhix sempliċiment formola. Il-persuna inkarigata trid jew taqra t-test hi stess, jew tisma' 'l min qed jieħu l-ġurament jaqra t-test u wara jbus is-salib jew waqt il-qari tat-test tal-ġurament ipoġġi idejh fuq il-Bibbja jew il-Koran.

"Jekk wieħed jagħmel dikjarazzjoni solenni l-persuna li qed tamministra l-ġurament għandha tispjega u turi bil-fatti li din id-dikjarazzjoni hija waħda speċjali u li titlob minn dak li jkun impenn mhux tas-soltu. Għandha tiżgura li l-persuna li qed tieħu l-ġurament fehmet sewwa dak li tkun ser taħlef u, jew taqra hi stess bil-mod id-dikjarazzjoni solenni jew tisma' lil persuna taqraha ad alta voce.

"**<u>Kemm fil-ġurament u kemm fid-dikjarazzjoni solenni, il-persuna inkarigata għandha d-dmir li tfiehem lil min qiegħed jagħmel dawn l-atti s-serjeta' tal-mument speċjalment jekk tintebaħ li dawn l-atti qed isiru b'ċertu leġġerezza.</u>**

"Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li l-firma fuq formola hija biżżejjed biex ikollok il-ġurament. Din tista' tammonta għal dikjarazzjoni jew stqarrija falza. Ta' dan l-appellat diġa' nstab ħati taħt it-tielet imputazzjoni. Iżda altru stqarrija falza u altru ġurament falz.

"Il-fatt li diversi artikoli, ċitati mill-Avukat Ġenerali b'approvazzjoni, jsemmu l-formola tal-kliem biss huwa biss prova li l-leġislatur fittex il-kliem addattat skond iċ-ċirkostanza fejn qed issir xi ħatra iżda ma jfissirx li l-ġurament jew id-dikjarazzjoni solenni jieqaf/ tieqaf hemm.

"Jekk nargumentaw li l-formola hija biżżejjed inkunu qed immorru kontra l-artikolu 111 tal-Kap 12 u prattika kostanti ta' kif jingħata l-ġurament kemm fil-Qorti kif ukoll fid-dipartimenti tal-gvern, fl-ambaxxati ta' Malta, jew entititajiet oħra statali. Il-poplu jafha sew din il-prattika. Għalhekk huwa inutli li nirreferu għal-liġijiet barranin għax dawn mhux bilfors jinkludu xi att estern bħalma huwa l-bews tas-salib, it-tqegħid tal-id fuq il-Bibbja jew fuq il-Koran meta jkun qiegħed jittieħed il-ġurament kemm waqt proċeduri fil-Qorti kif ukoll meta l-ġurament jingħata f'xi post ieħor u għal skopijiet oħra.

"Il-formoli huma importanti għax iħaffu x-xogħol kemm jista' jkun, ikunu addattati għaċ-ċirkostanzi u jagħti wkoll ċerta uniformita` fejn ikunu qed jilqgħu għall-ħtiġijiet identiċi. Iżda l-uffiċjal inkarigat m'għandux ikun soddisfatt li wieħed iffirma, ħallas u telaq 'il barra qisu qatt ma ġara xejn. Huwa importanti li l-uffiċjal inkarigat ikollu personalita` qawwija biżżejjed li fejn hemm bżonn iwissi lil dak li jkun dwar il-kontenut li jkun qed jinħalef jew jiġi dikjarat solennement u l-konsegwenzi ta' affidavit li jkun falz. Imbagħad, wara din l-ispjegazzjoni jew twiddiba, min jagħmel l-affidavit jiffirma u <u>jbus is-salib</u> (f'każ ta' ġurament). **Din hija l-vera amministrazzjoni tal-ġurament**."

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

**<u>Ksur ta' Art. 188 tal-Kodiċi Kriminali</u>**

It-tieni imputazzjoni hija waħda taħt l-Art. 188 tal-Kodiċi Kriminali u tgħid hekk:

> *Talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.*

Fit-tieni imputazzjoni Andrea Stellato jinsab mixli li biex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.

Fil-kawża fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs Bjorn Cassar Simmonds</u>**"[6], dik il-qorti spjegat li meta ssir akkuża msejsa fuq l-Art. 188, il-prosekuzzjoni trid tipprova s-segwenti:

- *Li fil-mument li saret id-dikjarazzjoni, id-dikjarant kien jaf li dak li kien qiegħed jiddikjara kien falz;*

- *Li huwa ħa xi vantaġġ mid-dikjarazzjoni falza; u*

- *Li tali dikjarazzjoni falza ġiet ippreżentata lil xi awtorità pubblika.*

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Awwissu 2018

Il-Qorti tosserva li huwa indiskuss li l-Aġenzija għall-Għajnuna Legali, imwaqqfa permezz tal-Avviż Legali 414 tal-2014 (Leġislazzjoni Sussidjarja 497.11) hija fil-fatt awtorità pubblika.

Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Anton Vassallo**" (deċiża fl-4 ta' Ġunju 2008), "*Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsità ideoloġika*".

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Paul Galea**", deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997 u kkwotata fis-sentenza "**Il-Pulizija vs Bjorn Cassar Simmonds**" fuq ċitata, intqal hekk:

> "*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini* (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) *ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*
>
> *Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghall-persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma*

*jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*

Il-Qorti ser jgħaddi sabiex teżamina l-ewwel element tar-reat, ċioe jekk fil-mument tad-dikjarazzjoni, Stellato kienx jaf jekk il-kontenut tad-dikjarazzjoni relattiva kienx falz. Iżda qabel dan, wieħed irid jeżamina jekk kinitx saret xi dikjarazzjoni.

Il-provvedimenti tal-liġi li jirregolaw il-benefiċċju tal-għajnuna legali huma ċari. Huwa ċar li sabiex wieħed jibda l-proċess biex jibbenefika mill-għajnuna legali, irid jittieħed ġurament.

Il-Qorti ghandha d-dubbju jekk itteħidx ġurament u għalhekk Stellato mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni. Huwa neċessarju li terġa' ssir referenza għad-dokument **YTB1** (*a fol* 145) iffirmat mill-Av.Malcolm Mifsud, fejn dan kiteb hekk:

*"Ir-rikorrenti bil-ġurament tgħid*

*Il-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni u l-intimata kienet intavolat rikors fuq l-aċċess, fejn għandu ħamest ijiem biex jirrispondi.*

*Ir-rikorrenti jaħdem mal-Gvern u minħabba proċeduri kriminali huwa sospiż fuq nofs paga, jiġifieri jirċievi €694."*

Meta wieħed iwarrab il-kwistjoni tal-ġurament, huwa normali li avukat jiddependi fuq il-klijent tiegħu sabiex dan ifisser il-kwistjoni u huwa wara li l-klijent jitkellem mal-avukat, li l-avukat jista' jittraduċi s-sitwazzjoni tal-klijent f'terminoloġija rikonoxxuta mill-liġi. Għalhekk, ir-rikors relattiv, għalkemm mhux ġuramentat kif jirrikjedu l-provvedimenti li jirregolaw il-benefiċċju tal-għajnuna legali, jikkostitwixxi dikjarazzjoni.

Issa, wieħed jista' jgħaddi biex jeżamina jekk Stellato kienx jaf li dak li huwa iddikjara fir-rikors (ċioe dak li huwa spjega lill-Avv. Mifsud u mbagħad l-Avv. Mifsud kiteb dan fir-rikors) kienx falz.

Il-Qorti tosserva li għalkemm Deborah Gaffiero ippreżentat numru ta' dokumenti rigward l-*accounts* tal-partnership *Gauda & Co*, l-iktar prova konklussiva kienet ċertament tkun it-*tax returns* ta' Stellato. Tali dokumenti kienu jaċċertaw preċiżament id-dħul finanzjarju kollu iddikjarat. Ebda *tax returns* ma ġew ippreżentati minn ebda parti f'dawn il-proċeduri. Saret biss referenza għat-*tax returns* mill-akkużat stess fix-xhieda tiegħu meta xehed hekk:

> *"L-ewwel darba li sirt naf li kien hemm problemi bl-applikazzjoni tiegħi tal-*legal aid *kien meta rċevejt ittra datata 28 ta' Ottubru 2015 mingħand Dr Malcolm Mifsud fejn qalli biex neħodlu t-*tax returns *tiegħi u ta' Gauda & Co. Ma nafx kif waslet din l-informazzjoni għand Dr Mifsud. Iltqajt ma' Dr Mifsud fl-*annexe *tal-qorti u wrejtu d-dokumenti mitluba."*

Fix-xhieda tiegħu, Stellato spjega fid-dettal kif huwa mar għand l-Av. Malcolm Mifsud u spjegalu l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu. Tant hu hekk li Stellato xehed hekk in kontro eżami:

> *"Jien ma applikajtx għall-għajnuna legali iżda Dr Malcolm Mifsud qalli li jien nibbenefika mill-għajnuna legali wara li għedtlu x'kienet il-pożizzjoni finanzjarja tiegħi u li kien qal li qed jittajpja meta kont qed inkellmu. Ma jidhirli li ffirmajt xejn quddiem Dr Mifsud."*

Id-dokumentazzjoni ippreżentata mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u tal-parte ċivile tikkonsisti prinċipalment f'riċerki u aċċertamenti dwar f'liema *partnerships* kummerċjali huwa involut l-akkużat. Dan, iżda, ma jixħet ebda dawl fuq id-dħul tal-imputat. Fix-xhieda tiegħu stess, l-imputat xehed hekk rigward id-dħul tiegħu:

> *"Qabel kelli lil Dr Kenneth Grima pero ma stajtx inħallsu minħabba l-ammont ta' kawżi li kelli. Dak iż-żmien kelli nofs paga u ċioe €700 li minnhom kelli €500 manteniment. Finanzjarjament familti kienet tgħinni. Jien użajt ir-riżervi finanzjarji kollha tiegħi u domt xi disa' snin hekk. Issa li ħadt ix-xogħol lura, m'għadhomx jgħinuni. Dak iż-żmien, allaħares ma kinux huma għalija. F'xi Jannar jew Frar 2015 ħadt deċiżjoni li ma stajtx inkompli ma' Dr Kenneth Grima minħabba l-flus u mort inkellem lil Dr Malcolm Mifsud fl-uffiċċju tiegħu f'xi l-ħamsa jew is-sitta ta' filgħaxija. Mort biex nistaqsi x'inhi l-proċedura u wara li spjegajtlu l-kriżi finanzjarja u l-vizzju tal-logħob li waqajt fih dak iż-żmien, infqajt nibki. Niftakar li staqsieni biss x'paga kelli. Għedtlu li kelli ftit inqas minn seba' mitt Ewro u li kelli nħallas il-manteniment u* home loan. *Ma kontx inlaħħaq b'dak l-ammont ta'*

*seba' mitt Ewro. Kont spjegajt lil Dr Mifsud li kont interdett u li din kienet xi ħaġa provviżorja sakemm niġi fuq saqajja finanzjarjament."*

Din ix-xhieda tal-imputat tgħid li fl-opinjoni tiegħu, huwa ma kellux mezzi finanzjarji u ma setax ħlief idur fuq l-għajnuna legali. Ma gewx ippreżentati l-aħjar provi rigward id-dħul ta' Stellato. Għal darb' oħra, jingħad li minkejja x-xhieda tal-imputat stess dwar proprjetajiet immobbli tal-familja tiegħu u l-kirjiet tagħhom, mill-assjem tal-provi ma jistax jiġi aċċertat id-dħul ta' Stellato sabiex b'hekk ikun jista' jsir paragun dwar l-element kompriż fil-kelma "*xjentement*" fid-diċitura tal-liġi. Lanqas ma hemm provi fl-atti li jitfgħu dawl jew huma kuntradittorji rigward il-qliegħ biex ikun determinat dan l-element partikolari tar-reat.

Kawża ta' nuqqas ta' provi u kruċjalment, nuqqas tal-aħjar prova, għalkemm il-Qorti hi tal-fehma li saret dikjarazzjoni, il-Qorti ma tħossx li a bażi tal-provi prodotti, tista' tikkonkludi li kwalsiasi falsità li setgħet tinsab fid-dikjarazzjoni kienet iddikjarata xjentement, u ċioe li l-imputat kellu intenzjoni ċara u univoka li jqarraq u jiżgwida lill-awtoritajiet kompetenti.

Fir-rigward ta' vantaġġ meħud, il-Qorti tosserva li fix-xhieda tiegħu, Bruno Zahra xehed li l-imputat kien ġie assenjat l-Av. Noel Bartolo u aktar tard, wara l-astensjoni tiegħu, ġiet assenjata lill-imputat l-Av.Leontine Calleja. L-imputat ukoll irrefera għal dan fix-xhieda tiegħu.

It-tielet element tar-reat huwa li d-dikjarazzjoni falza tkun ippreżentata lil xi awtorità pubblika. F'dan ir-rigward, huwa ċar li sabiex wieħed jibbenefika mill-għajnuna legali, id-dikjarazzjoni relattiva neċessarjament

trid tkun ippreżentata, u għalhekk, tenut kont tal-fatt li ġie assenjat avukat tal-għajnuna legali, dan ma setax isir kieku d-dikjarazzjoni jew dokumentazzjoni relattiva ma kinitx hekk ippreżentata.

Il-Qorti erġa' tirreferi għan-nuqqas ta' provi rigward id-dħul finanzjarju tal-imputat u a bażi ta' tali nuqqas, ma jistax jikkonkludi li ġew ippreżentati l-aħjar provi f'dan ir-rigward li jippermettulu li bla dubju jikkonkludi li l-ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ġiet ippruvata skont il-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah.

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**